# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Guramentat Numru:- 929/2022 JVC**

**Domenic Bonnici (KI 0626159M)**
**Maria Lourdes Bonnici (KI489665M)**

**vs**

**Abdel Hameed Alsaleh (Passaport Numru 25560)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Domenic u Maria Lourdes Bonnici bil-procedura tal-giljottina li talbu kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond 98 Triq San Gorg Qormi;

2. Illi l-intimat qed jokkupa dan il-fond minghajr ma' ghandu ebda titolu validu fil-Ligi;

3. Illi r-rikorrenti gia kitbu ghal diversi drabi lill-intimat biex johrog u jivvaka l-fond li huwa qed jokkupa abbuzivament izda dana baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

4. Illi skond l-umli fehma tar-rikorrenti l-intimat ma' ghandux difiza x'jaghti ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk l-Qorti ghandha timxi bid-dispenza tas-smiegh taht l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-intimat ma' ghandux difiza x'jaghti ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk tghaddi sabiex tiddeciedi dan il-kaz bid-dispenza tas-smiegh skond l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond propjeta tar-rikorrenti numru 98 Triq San Gorg Qormi minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

3. Tordna lill-intimat sabiex johrog u jivvaka minn l-imsemmi fond fi zmien moghti mill-Qorti, liema zmien ghandu jkun wiehed qasir u perentorju;

Bl-ispejjez u b'hekk l-intimat jibqa ngunt ghas-subizzjoni.'

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti spjegat lill-intimat prezenti fl-awla l-import tar-rikors guramentat odjern u rat dak dikjarat mill-intimat illum stess fil-verbal fir-rigward tal-kirja tal-fond in kwistjoni w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

Illi in vista li l-intimat Abdel Hameed Alsaleh ex-admissis iddikjara li m'ghandux titolu validu fuq il-fond in kwistjoni, il-Qorti tqis illi t-talbiet rimanenti tar-rikorrenti huma gustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni tat-talba verbali tal-intimat li talab zmien sabiex isib residenza alternattiva ghalih u l-familha tieghu konsistenti f'hames minn  nies.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond propjeta tar-rikorrenti numru 98, Triq San Gorg Qormi minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex johrog u jivvaka mill-imsemmi fond sal-ahhar tas-sena 2022.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta’ Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**8 ta’ Novembru 2022**